MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Numru 133/2007

**Il-Pulizija**
**(Sp. Jesmond Borg)**

**v**

**Seham Al Hangari ta' 22 sena bint Salem u Mabrouka nee Al Hangari, imwielda Al Maamoura, il-Libja fit-13 ta' marzu, 1984, li toqghod lokalment fil-fond Flat Nru 4, Blokk 1, Qasam tal-Bini tat-Tmiem, iz-Zejtun u detentrici tal-passaport Libjan Numru 926259**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Seham Al Hangari li giet akkuzata talli:

(a) nhar it-12 ta’ Frar, 2007 mill-hanut ‘Cellcom’ li jinsab fi Triq Haz-Zabbar, il-Fgura kkommettiet is-serq ta’ mobile phone ta’ lew roza ta’ l-ghamla LG, mudell Chocolate u bin-numru tas-serje: MCZ0037105(1.0)BL, liema mobile phone jiswa Lm 135, ghad-detriment ta’ Keith Sultana mill-Kalkara, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u dana bi ksur tal-artikolu 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
(b) U aktar talli nhar id-9 ta’ Frar, 2007 mill-hanut Dual Zone li jinsab fi Triq Haz-Zabbar, il-Fgura, ikkommettiet is-serq ta’ mobile phone ta’ lewn sewdieni, ta’ l-ghamla LG, mudell Chocolate u bin-numru Chocolate u bin-numru tas- serje: 612 KPSL minn Haz-Zabbar 428158, liema mobile phone jiswa Lm 135 ghad-detriment ta’ Manuel Bartolo minn Haz-Zabbar liema serq hu kkwalifikat bil-valur u dan bi ksur ta’ l-artikolu 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
(c) U aktar talli nhar it-12 ta’ Frar, 2007 minn hanut mhux maghruf ikkommettiet is-serq ta’ erba’ fliexken fwieha tad-ditta True Brit for for men-Eau De Toilette; Huge Dark red-Eau De Parfum; Adidas-Ice Dive u Joy-Eau De Toilette for men, liema valur ta’l-imsemmija fwejjah ma jeccedix il-Lm 50, ghad-dannu ta’ persuni mhux maghrufa u dana bi ksur tal-artikolu 284 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita bil-ligi tapplika wkoll l-artikolu 383 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ dawn il-persuna hawn fuq indikati.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (fol 119).

Rat li l-imputata ma kellha ebda oggezzoni ghal tali proceduri.

Semghet ix-xhieda ta’ Kane Agius, salesman mad-Dual Zone. Xehed illi fid-9 ta’ Frar, 2007 dahlet gol-hanut imsemmi l-akkuzata kif minnu identifikata. Bdiet tistaqsi fuq il-mobiles, staqsietu jekk wiehed minnhom setghax

jinqaleg bil-linja Gharbija. Hu dar biex icempel lit-technician dwar id-domanda tal-klijenta, allura l-akkuzata, qal li halla l-vetrina miftuha. Sab nieqes LG Chocolate iswed ghall-prezz ta' Lm 135.

Jghid ix-xhud li fil-hanut kien hemm hu u l-akkuzata biss. Jghid li sakemm fetah il-vetrina LG Chocolate kien ghadu hemm anzi rah hemm (fol 21). Rah fil-fatt anke qabel ma dar. Jghid li fil-fatt hu ma rax lill-akkuzata tiehu l-LG pero' x'hin ghalaq il-vetrina kif appena harget l-akkuzata, l-LG cholocate ma keinx aktar fil-vetrina. Jghid li nduna li naqas LG chocolate kif appena telqet. Jghid ukoll ix-xhud illi hu fetah il-vetrina biss meta kienet prezenti l-akkuzata. Izid ukoll illi fit-12 ta' Frar, jiem wara hu gie avvicinat minn certu Keith tal-hanut Cellcom. Dana saqsih jekkkienx ra persuna ta' nazzjonalita' Gharbija fl-inhawi. Qallu li din l-Gharbija haditlu LG mill-hanut. Jghid l-istess xhud illi aktar tard ra lil din il-persuna fl-inhawi taghhom, dakinhar stess. Ghalhekk kemm hu u Keith marru lejn il-Gnien fejn marret l-istess akkuzata. Hawn l-akkuzata kienet akkumpanjata minn persuna ohra.

In kontroezami x-xhud innega li fil-hanut kien hemm mara ohra ma' l-akkuzata. Ikkonferma biss illi din il-mara l-ohra kienet prezenti flimkien ma' arbija ma' l-akkuzata fil-gnien.

Dan ix-xhud spjega li s-serqa saret x'hin hu dar biex icempel, allura ta dahru lill-akkuzata u dahal wara l-bank. Dak il-hin li dahal biex icempel hu ma kellux wiccu lejn l-akkuzata (fol 28).

Dan ix-xhud tkellem dwar id-dimensjoni zghira tal-hanut minn fejn jopera. Xehed ukoll illi hu ma fetah il-vetrina ghal hadd hlief ghall-akkuzata.

Keith Sultana huwa sid il-hanut Cellcom. Dana xehed dwar incident li gara fit-12 ta' Frar, 2007 fejn jghid li dahlet persuna li hu gharaf bhala l-akkuzata u s-sales girl bdiet turiha l-mobiles. Jiddeskrivi l-attitudni tal-klijenta bhala wiehed dominanti fil-hanut. Anke f'dan il-kaz is-salesgirl giet mistoqsija jekk il-lingwa tal-mobile setghetx tinqalet bil-lingwa Gharbija. Din il-mara kienet qed tara xi mobiles

f’idejha. Hawn hi kellmet lis-salesgirl, qaltilha li kieent tmur iggib lil bintha, mbuttat il-vetrina u harget il-barra b’pass mghaggel. Ix-xhud kellem lis-salesgirl tieghu u hawn induna li l-mobile likienet qed tara l-mara Gharbija kien gie missing. Dan ukoll kien LG Chocolate li wkoll jiswa’ Lm 135.

Jghid ix-xhud:

“Allura la ma kien hemm hadd izjed fil-hanut u s-salesgirl qeghda ma’ genbi li mhux ser jaqbadni dubju fiha imma li setgha qabadni dubju f’kulhadd, ma hemm hadd fil-hanut, ma dahal hadd fil-hanut, qeghdin jiena u hi u hi ma’ genbi sewwa, it was her going off with the mobile ghax huwa l-istess mobile li kienet qed tara.” (a fol 70).

Kien cert li qabel ma dahlet din il-mara, il-mobile misruq kien ghadu fil-vetrina.

Jghid ukoll li dak il-hin ta’ l-incident ma kien hemm hadd iehor fil-hanut ghajr ghalih, s-salesgirl u l-mara Gharbija.

Jghid ukoll illi hu ra l-mobile misruq f’idejn il-mara l-Gharbija, pero’ ma rax il-mara hierga bl-istess mobile. Kif appena nduna b’dan il-fatt, jghid ix-xhud illi hu hareg ifittex lil din il-mara. Waqaf anke fil-hanut, kompetituri tieghu Dual Zone. Huwa gie nfurmat minnhom li huma kienu gew misruqa l-Gimgha. Flimkien ma’ sid dan il-hanut innutaw illi zewg nisa lebsin il-bies Gharab dahlu fi gnien vicin. Induna dan ix-xhud li wahda minn dawn in-nisa kienet il-persuna li allegatament ikkommettiet is-serqa. Ghajtu lill-Pulizija. Dan ix-xhud anke nduna li l-persuna malviventi tefghet anke xi affarijiet gol-handbag tal-persuna l-ohra li kellha maghha. Dahlu fil-gnien il-pulizija. Ix-xhud talabha l-mobile pero’ jghi li ghalkemm fil-hanut kellmitu bil-Malti hawn bdiet tippretendi li mhux qed tifhmu. Ix-xhud fir-rigward ta’ din il-mara ndika l-akkuzata.

Anke dan ix-xhud tkellem fuq ic-cokon tal-hanut tieghu.

Rachel Schembri hija s-salesgirl ma’ Cellcom. Xehdet li dahlet sinjura gol-hanut, li hi identifikat bhala l-akkuzata, dina bdiet tara LG Chocolate roza u Nokia 6680. Tghid din is-salesgirl li ghalkemm hi certa li refghet in-Nokia mhux certa jekk l-LG chocolate baqax f’idejn l-akkuzata. Tghid ukoll bdiet tistaqsiha jekk il-mobile kienx jinqaleb bl-Gharbi. Qaltilha li kellha tirritorna lura ghax kellha ggib it-tifla. Kien wara li din il-mara harget mill-hanut illi ndunaw , hi u l-boss taghha li LG chocolate roza kien nieqes.

Tghid ukoll din ix-xhud li l-unika perusna li kienhemm fil-hanut qabel din il-mara kienet mara ohra li dahlet ghal xi tiswijiet.

In kontroezami xehdu li hi ghalkemm ma tiftakarx li l-mobile nghatalha lura u l-istess li qeghditu f’postu pero’ tiftakar li ghalqet il-vetrina, kif ukoll li l-istess vetrina ma regghetx infethet. Tghid li minn dan il-fatt hija tinstab certa mija fil-mija.

Emanuel Bartolo huwa sid il-hanut Dual Zone. Qal li hu mal-lavrant tieghu Kane Agius ghoddew il-mobiles li kienu fl-istess hanut, cioe 74. Jghid li naqaslu LG iswed. Jghid ukoll li gie ghalih sid tal-hanut Cellcom. Mar mieghu go pjazza Lorry Sant u hemm sabu lill-akkuzata. Hawn sejhu l-ghajnuna tal-Pulizij. Ra lill-akkuzata tarmi xi affarijiet go tank taz-zibel, hu haseb li kien mobile pero’ rrizulta li kien bott tal-fwieha.

Fuq il-post cioe fil-gnien mar anke hu l-akkuzata u offra li jekk hi hadet xi mobiles hu kien lest ihallashom.

PC 188 Joseph Cilia xehed li wara li segwa guvnott fil-gnien ta’ Lorry Sant Rahal Gdid, hemm ra zewg Gharab nisa bilqieghda, wahda minnhom Maltija. Kien hawn li hu ndirizza lill-mara l-ohra u nfurmaha li z-zewg guvnotti li kellu mieghu kienu qed jallegaw li hi kienet serqet zewg mobiles. Jghid dan il-kuntistabbli li din il-mra bdiet tara kif se tisgicca minn taht il-ghajn tnat li mxiet lejn l-istage lihemm gewwa Zabbar Road. Hemmhekk kien hemm bin u go fih remiet dak li rrizulta li kien flixkun tal-fwieha. Din

il-persuna lill-kuntistabbli qed jixhed fuqha hija fi kliemu l-akkuzata.

Dan il-kuntistabbli ma sab ebda mobile fuq il-perusna ta' l-akkuzata. Iz-zewg guvintur li hu sab hdejn il-gnien keinu dak tas-Cellphone u l-iehor tad-Dual Zone. PC 177 Edwin Zammit assista lill-kuntistabbli ta' qablu fl-incdent li gara gewwa l-gnien imsemmi.

WPC 53 Grace Borg kienet il-kuntistabbli li ghamlet is-search fuq l-akkuzata. Fil-but tal-glekk taghha sabet tliet pakketti ta' fwieha li fuqhom kellhom il-prezz ta' 99 cents. L-akkuzata qaltilha li xtrathom jew mill-Belt jew minn Marsaskala. L-istess kuntistabbli kompliet tghid illihi kienet anke xhud ta' l-istatement rilaxxat mill-akkuzata. Pero' hawn l-akkuzata qalet illi kien ta' habiba taghha, gabithom mil-Libja biex issib tixtri bhalhom.

Tghid ukoll din ix-xhud li hi anke ghamlet search fuq il-mara l-ohra li kienet fil-gnien ma' l-akkuzata. Din instabilha fwieha fil-handbag. Pero' din il-mara wiegbet l-fwieha kienet waddbitha fil-handbag taghha l-akkuzata.

L-akkuzata irrilaxxat stqarrija Dok SA a fol 64.67. Tghid li giet Malta fuq btala. Ma tinnegax li hi marret tara xi mobile phones. Tinnega pero' li hi serqet l-istess tghid li ratu biss. Tghid li ma kinitx hi li ghalqet il-vetrina. Izzid li sid il-hanut kien fil-hanut ma' mara.

Tghid ukoll li darba go hanut tal-mobiles hi rat Nokia (mudell) u mhux il-mobile li qed jallega sid il-hanut. Tghid ukoll li sid il-hanut ma kienx qedjitkellem fuq it-telefon imma kien qed jitkellem ma' mara ohra li dahlet ftit sekondi warajha.

Dwar il-fwieha li nstabet fil-handbag tal-mara ta' huha, tghid li dikk hi qeghditha hemm ghaliex ma riditx iggorrha kollha hi. Tghid ukoll illi remiet il-fwieha fit-tank taz-zibel ghaliex basret li l-pulizija kien se jistaqsiha ghall-mobile u dan ghax rat lil tal-hwienet jitkellmu ma' xulxin. Tghid ukoll i wiehed minnhom beda jharsilha bl-ikrah fil-pjazza. Dwar il-fwieha tghid din id-darba li dawna gabithom

maghha mil-Libja biex tixtri bhalhom minn hawn Malta. Dawn tghid li nxtraw mill-habiba taghha xi ftit zmien ilu minn Malta meta din ta’ l-ahhar kienet holiday.

L-akkuzata xehdet ukoll viva voce. Tghid li hi vera dahlet go hanut tistaqsi ghal mobile ta’ l-ghamla Nokia, vera li staqsiet jekk kienx jista’ jigi ipprogrammat bl-Gharbi. Tghid li dahlet mara ohra gol-hanut u s-sid mar jaqdiha u jkellimha. Tghid li tat in-Nokia lura u telqet. Fir-rigward tat-tieni hanut tghid li l-istess dahlet mobile Nokia b’double camera. Tghid li s-salesgirl urietha mobile roza, pero’ li mhux dak riedet. Tichad ukoll illi hi harget tigri mill-hanut.

Tghid li wara xi sitt jew sebgha minuti hi kienet fil-gnien u gew il-pulizija fuqha. Tghid li remiet il-fwieha minn fuqha ghax bhala tfajla Musulmana m’ghandux izommha ragel (!!). Tghid li ma kinitx f’sensiha.

Dwar dan il-fwieha tghid likienet qed iggorr dawk il-bottijiet maghha biex tixtri bhalahom (!!).

Dwar il-fatt li tghid li gharfet sid il-hanut ul-fatt li gew fuqha l-pulizija tghid li tnervset, ghax stante barra minn pajjizha hassitha mbezzgha.

Tghid li ramiet il-fwieha fil-landa taz-zibel ghaliex irrabjata.

Laila Al Hangari l-mara ta’ hu l-akkuzata tghid li avvicinati fil-gnien mis-sidien tal-hwienet biex l-akkuzata treggi lura l-mobile, innegat li hadet xi mobile. Dwar il-fwieha tghid li skond l-akkuzata gabitha maghha mil-Libja biex tixtri bhalha.

Mohammed Al Handari hu l-akkuzata dana xehed illi hu kien lest biss biex ihalas il-fwieha biex ohtu ma tigix fi problemi, ghax skond hu l-Ligijiet ta’ Malta jdumu.

Ikkonsidrat

Illi huwa veru li hadd ma ra lill-akkuzata tisraq ebda mobile. Daqstant huwa veru illi t-tliet xhieda li kienu gol-hwienet misruqa kienu certi dwar il-fatt li l-mobiles neqsin

kienu fil-hanut qabel ma dahlet l-akkuzata u sparixxew immedjatament wara. HIja l-fehma ta’ din il-Qorti pero’ li l-verzjoni ta’ l-akkuzata hi inverosimili u dghajfa u xxejjen ghal kollox il-kredibilita’ taghha fejn si tratta l-fliexken tal-fwieha. Tghid l-ewwel li hi xtrathom lokalment, imbaghad tinsisti li qeghdetiggorr il-kaxxi maghha mil-Libja biex tixtri bhalhom. Skuza verament inverosimili. Daqstant iehor inverosimili li hi kellha tarmi goz-zibel flixkun ta’ fwieha li l-provenjenza tieghu hija wahda innocenti.

Hija fil-fatt l-kontradizzjonijiet kollha mnissla mill-akkuzata u l-imgieba taghha meta avvicinata u l-imgieba tagha meta avvicinata mis-sidien tal-hanut derubati u mill-pulizija li jaghti konvinciment lill-Qorti li hija hatja kif akkuzata. Tfakkar ukoll il-Qorti li l-fwieha misjuba ghand l-akkuzata, fuqha kellha anke l-prezz ta’ 99c.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 216, 167, 284 tal-Kapitlu 9.

Rat il-fedina penali taghha li hija ghal kollox netta, tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt xhur sospizi ghal sena wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9.

Fehmet lill-akkuzata s-sinifikat ta’ sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------